MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-28 ta' Frar, 2007

Appell Civili Numru. 1762/2004/1

**Maltacom p. l. c.**

**vs**

**Mark Gauci Maistre u b' digriet tad-29 ta' Lulju 2005 l-Avukat Dottor Beppe Fenech Adami gie nominat kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lil Mark Gauci Maistre li jinsab assenti minn dawn il-Gzejjer**

**Il-Qorti,**

Fis-27 ta' Gunju, 2006 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-Talba li biha s-socjeta` attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta` elf, mija u sitta u sebghin lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm1,176.88c) rapprezentanti servizz telefoniku fuq in-

numri 21438766 u 21416865 li gew installati fuq il-fond 173 Triq il-Pont, Mosta skond kif jirrizulta mill-*invoices* esebiti fl-atti tal-kawza bhala Dokument A u Dokument B.

Ra li l-kuratur wiegeb illi huwa m'huwiex edott mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u rrizerva li jipprezenta risposta ulterjuri kemm-il darba jigi edott mill-fatti.

Ra li l-kuratur ma pprezenta l-ebda risposta ulterjuri, izda esebixxa kopja ta` zewg ittri li kiteb u ma kellu l-ebda twegiba minghand l-Avukat Dr Godfrey Gauci Maistre.

Sema` x-xhieda ta` Dr Keith Grech li kkonferma li l-ammont mitlub huwa dovut.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ikkonsidra

Illi mill-provi prodotti jirrizulta ampjament illi Mark Gauci Maistre huwa l-persuna li kkontratta mas-socjeta` attrici biex jinghata s-servizz telefoniku mertu tal-kawza odjerna.

Jirrizulta wkoll illi l-ammont mitlub huwa dovut u ma thallasx u konsegwentement it-talba attrici kif dedotta tisthoqq li tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta` elf, mija u sitta u sebghin lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm1,176.88c) bl-interessi mis-26 ta` Marzu 2006 (data ta` notifika tal-avviz) kontra l-konvenut u bl-ispejjez."

L-aggravju avvanzat mill-konvenut kontra din is-sentenza hu dak li gie lez lilu l-principju *audi alteram partem*. Dan ghal motiv illi, kif minnu postulat, it-Tribunal ma tahx l-opportunita li jiddefendi ruhu u jikkontesta t-talbiet attrici;

Innegabilment, jekk hemm bzonn jigi ripetut, fl-izvolgiment ta’ kull gudizzju sija minn Qorti jew minn tribunal, huwa impellenti illi jigi rispettat il-principju tal-kontradittorju. Dan billi jigi assenjat lill-partijiet in kawza l-opportunita` shiha biex iressqu l-provi taghhom, jipprezentaw dokumenti u jaghmlu l-osservazzjonijiet taghhom. Huwa proprju r-rivendikazzjoni ta’ dan il-principju li l-appellant iressaq quddiem din il-Qorti. Dan ghal fini li din il-Qorti tirrimedja ghas-sitwazzjoni tal-ksur tar-regola *audi alteram partem* li hu jallega li sofra bid-decizjoni tat-Tribunal;

Preordinatament ghall-investigazzjoni ta’ dan l-ilment ta’ l-appellant, huwa opportun li jinghad illi biex jigi accertat jekk tabilhaqq kienx hemm vjolazzjoni tar-regola msemmija wiehed irid jiehu bhala bazi s-sentenza u l-motivazzjoni fiha kontenuti. Dan biex jigi stabbilit jekk il-partijiet inghatawx il-possibilita` tad-diskussjoni shiha fuq il-fatti li minnhom imbaghad skaturiet l-parti operativa tas-sentenza;

Fuq l-ezami taghha tas-sentenza appellata u tar-raffront ta’ din ma’ l-atti processwali ohra attendibbli huwa l-kaz li jinghad bla ezitazzjoni ta’ xejn illi minnhom din il-Qorti ma tarax is-serjeta` ta’ l-aggravju ventilat. Anzi ssib li dan hu ghal kollox frivolu u vessatorju;

L-appellanti ma jaghtix stampa preciza ta’ dak li processwalment issuccieda. Ibda biex, jirrizulta li l-kuratur nominat biex jirrapprezentah fl-atti kkomunika ma’ missieru, Dr. Godfrey Gauci Maistre, permezz ta’ ittra datata 28 ta’ Marzu 2006 fejn fiha talbu l-indirizz ta’ l-istess appellanti biex ikun f’ qaghda jikkomunika mieghu u jirregola ruhu ahjar fl-interess ta’ l-istess appellanti. Kif saput, fil-provi cirkostanzjali jew indizzjarji hemm il-*presumptio hominis vel facti* u dan jaghmel skond is-sens komun li dik l-ittra ntbaghtet u waslet ukoll fid-destinazzjoni taghha. Kieku dan ma kienx hekk ma jispjegax ruhu r-rikors intavolat mill-istess Avukat

imsemmi f’ isem l-appellanti li bih talab lit-Tribunal jissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza;

Intant, imbaghad, ma jidherx li skond il-metru tad-diligenza gie segwit id-digriet tat-Tribunal ghaliex forsi minnu missier l-appellant assenti kien jintebah li t-Tribunal kien irrizerva li jipprovdi dwaru fl-udjenza li kien imiss tas-27 ta’ Gunju 2006, ghal liema jum il-kawza kienet diga`, skond verbal precedenti, imhollija ghas-sentenza. Intant ukoll, avolja l-kawza ssejhet aktar minn darba, l-istess Dr. Godfrey Gauci Maistre naqas li jidher f’ din l-udjenza;

Issa fil-kaz ta’ assenza tal-konvenut jew ta’ l-avukat tieghu fil-proceduri l-ligi taghmilha cara li l-kawza tista’ tigi maqtugha fuq l-atti li jkun hemm (Artikolu 201, Kapitolu 12). *Multo magis*, dan huwa hekk il-kaz, imbaghad fil-kawzi quddiem it-Tribunal specjali adit, konsiderat is-sommarjeta u l-ispeditezza li l-legislatur attribwielu bl-Att V ta’ l-1995. Ara Artikoli 9 (2) u 13 (b) tieghu;

F’ dawn ic-cirkustanzi, din il-Qorti ma ssibx mill-atti li jezistu elementi sufficcjenti li jwasslu ghall-akkoljiment ta’ l-aggravju. Mhux hekk biss. Tosserva ukoll illi l-appellanti ma ddeduca ebda motiv serju li jinduciha tannulla d-decizjoni fuq il-bazi ta’ l-ilment tieghu billi minn imkien ma tirriskontra vjolazzjoni tal-principju invokat.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez anke ta’ din il-procedura a kariku ta’ l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------